# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 16 ta' Novembru 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sarah Magri)**

**vs**

**Nicholas Farrugia**
**Stephen Farrugia**

**Kumpilazzjoni Nru: 518/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Nicholas Farrugia**, detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 178692(M); u

**Stephen Farrugia** detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 450586 (M).

**Akkuzati talli**

1. Nhar is-26 ta' Mejju, 2014 fis-siegha ta' wara nofsinhar u l-hinijiet a' qabel gewwa il-Marsa, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew

gharrqu hwejjeg mobbli ta' Marion Aquilina detentrici tal-karta ta' l-identita bin-numru 223285(M) u cioe vettura ta' l-ghamla Toyota bin-numru ta' registrazzjoni MAR 943, liema hsara tammonta ghal aktar minn Euros 1164.69;

2. U akkuzati talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunaw feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Francis Farrugia skond kif gie iccertifikat minn Dr.Michael Spiteri (Med No 2666) ta' l-isptar Mater Dei.
3. Akkuzati ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bl-imgieba taghhom ikkagunaw lil haddiehor u cioe' lil Francis Farrugia, Fiona Gerada, Marthese Debattista u lil xi membri tal-familja ohra biza' li sert tintuza vjolenza kontiha jew kontra l-propjeta taghha;
4. Akkuzati ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghalkemm kienu ipprovokati, ingurjaw b'mod li hargu barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
5. U akkuzati ukol talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kisru il-paci pubblika b'ghajjat u glied;
6. Akkuzati ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, insulentaw, ingurjaw jew heddew bi kliem lil Francis Farrugia, Fiona Gerada, Marthese Debattista, u lil xi membri tal-familja ohra.
7. U aktar talli b'hekk rrendew ruhhom recidivi b'diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti tal-Magistrati Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jibu mibdula u dan ai terminu ta' Artikolu 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. Akkuzati ukoll li kisru kundizzjonijiet tal-liberta provizorja imposta mill-Qorti diversament preseduta, f'dan li ma jikkomettux delitt iehor ta' natura volontarja u dan bi ksur ta' l-artikolu 579(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. Il-Qorti, giet mitluba li tirevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmija Nicholas Farrugia u Stephen Farrugia u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmija imputati kif ukoll tordna li s-somma tal-garanzija personali u s-somma depozitati fil-liberta provizorja, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulat fl-artikolu 579(2)(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Lil Nicholas Farrugia wahdu**

10. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' tenattiv ta' ferita gravi fuq Francis Farrugia,

wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni u indipendenti mill-volonta' tieghu.

11. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu arma bil-ponta, mus, minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.
12. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ghamel hsara jew gharraq hwejjeg mobbli ta' Doris Darmanin u Tarciso Darmanin u/jew persuni ohra u cioe fir-residenza Sandy Lee, Triq is-Serkin Marsa liema hsara tammonta ghal anqas minn €116,47.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex tohrog ordni ta' protezzjoni ai termin ta' l-Artikolu 412C fejn tipprojbixxi lill-imputat milli javvicina lil Francis Farrugia, Fiona Gerada, Marthese Debattista u lil xi membri tal-familja, ir-residenza tieghu kif ukoll il-post li tali persuni j iffrekwentaw.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja,

**Fil-konfront ta' Nicholas Farrugia** kif mahsub f'l-artikoli:

- 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 214, 215, 221, u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 382A, 383, 384, 395, u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, u 221(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Fil-konfront ta' Stephen Farrugia** kif mahsub f'l-artikoli:

- 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 214, 215, 221, u 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

- 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 382A, 383, 384, 395, u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 17, 23, 31, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet

Rat li waqt l-udjenza mizmuma nhar is-26 ta' Gunju 2017 l-imputati hallsu is-somma ta' elfejn Euro (€2,000) biex jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti minn Marion Aquilina. In oltre f'dik l-istess udjenza fil-waqt li l-partijiet qablu li l-imputati kienu gia ikkumpensaw lill-konjugi Darmanin ghad-danni minnhom sofferti, il-parte civile kollha irrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali kull fejn din kienet rinunzjabbli u aktar minn hekk iddikjaraw li m'ghadx ghandhom interess f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat

Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni sehhew nhar is-26 ta' Mejju 2014 fi Triq is-Sirkin Marsa u kienu jinvolvu lill-imputati u huhom Frans kif ukoll is-siehba ta' Frans  cioe Marion Aquilina u xi familjari taghha: ohtha Fiona Gerada, zija taghha Marthese Debattista, ziju taghha Carmelo Cordina.

Illi mill-provi tal-prosekuzzjoni jirrizulta li fil-ghodu fil-gurnata in ezami l-imputati sabu xi hsara f'karru propjeta taghhom u jidher li bdew jissusspettaw f'huhom Frans peress li ma kienx hemm relazzjonijiet tajba bejniethom. Ghalhekk ghall-habta tad-disgha ta' fil-ghodu z-zewg imputati hargu mir-remissa taghhom u telghu ir-rampa biex gew vicin ir-residenza tal-familja ta' Marion Aquilina; huma bdew jghajjtu u jsaqsu "*fejnu*" b'referenza ghal Frans. Dak il-hin hargu Marthese Debattista u huha Charles Cordina. Iz-zewg persuni imsemmija ikkonfermaw fid-depozizzjoni taghhom li meta hargu raw liz-zewg imputati, wiehed kien qed izomm kanna u l-iehor kien qed izomm lembuba tal-hadid. Ghalkemm Debattista u Cordina bdew jippruvaw jikkalmawhom lill-imputati dawn kissru l-hgiega

tal-bieb tad-dar ta' u bdew jaghtu daqqiet fuq il-karozza ta' Marion Aquilina li kienet ipparkjata hemm. Peress li Frans Farrugia baqa' ma harigx l-imputati regghu niezlu r-rampa lejn ir-remissa taghhom. Fiona Gerada (oht Marion Aquilina) kienet gewwa dak il-hin pero kienet qed tosserva kollox mit-tieqa u kkoroborat hafna minn dak li qalu Debattista u Cordina. Meta l-imputati niezlu 'l isfel Roderick Gerada (ir-ragel ta' Fiona) mar jaghmel rapport l-ghassa flimkien ma' Tarciso Darmanin, fil-waqt li Fiona harget tghajjat u (fil-waqt li bdiet tindirizza lill-imputati) bdiet tistaqsi ghalfejn qed jaghmlu hekk. F'dan l-istadju l-imputati regghu telghu ir-rampa, l-ewwel Nicholas Farrugia mbaghad Stephen Farrugia; Nicholas kellu mus f'idejh fil-waqt li Stephen kellu kanna. Huma telghu jigru ghal Fiona. Sadattant hareg Frans Farrugia (li kien ghadu kif qam) u meta ra lil Nicholas Farrugia sejjer jigri fuq Fiona bil-mus f'idejh huwa mar jilqa u spicca aggrediet l-ewwel minn Nicholas, u mbaghad minn Stephen. Frans jallega li Nicholas tah daqqiet bil-mus fil-waqt li Stephen tah daqqa bil-kanna.  Jidher li xi hadd uza pepper spray (pero ma jirrizultax mill-atti processwali min) u l-glieda waqfet. Dak il-hin waslu l-pulizija li marru biex jinvestigaw r-rapport dwar il-hsara fil-vettura ta' Marion Aquilina. Il-fatti dwar din it-tieni parti ta'l-incident, partikolarment id-dinamika ta'l-incident, tirrizulta mhux biss mir-rakkont ta' Frans Farrugia u hija korroborata f'hafna aspetti mid-depozizzjoni ta' Fiona Gerada, Marthese Debattista, Charles Cordina u Marion Aquilina. Bhala rizultat ta' dan l-incident Frans Farrugia soffra griehi ta' natura hafifa u cioe diversi abrazzjonijiet fuq sidhru, dahru u rasu oltre dbengiela fuq rasu.

Illi l-imputati taw d-depozizzjoni taghhom quddiem il-Magistrat Inkwirenti fil-kors ta' l-inkjesta li nzammet dwar l-incident. Huma jikkonfermaw li kien hemm incident pero jallegaw li matul il-lejl Frans kien ghamel hsara fil-propjeta taghhom (karru taz-ziemel) u l-argument li nqala fil-ghodu kien fuq hekk. Aktar minn hekk huma jichdu li kellhom xi armi f'idejhom anzi jallegaw li kien Frans li kellu kanna u l-mus f'idejh; jallegaw ukoll li Frans kellu u uza pepper spray. F'l-incident Nicholas Farrugia soffra girehi: hames lacerazzjonijiet f'idejh. Aktar minn hekk l-imputati jichdu li xi hadd minnhom kellu armi (mus, kanna jew lembuba) f'idejh.

Illi ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li l-pulizija sabu mus ma'l-art fil-vicinanzi li gie elevat u esebit f'l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi kif diga ntqal il-parte civile kollha rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali kull fejn din hija rinunzjabbli. Konsegwentement l-procediment fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, ir-raba imputazzjoni, is-sitt imputazzjoni u t-tnax imputazzjoni huwa ezawriet.

Ikkunsidrat

Illi l-ewwel imputazzjoni li hija migjuba fil-konfront taz-zewg imputati hija dik bazata fuq l-artikolu 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tirreferi ghall-hsara kawzata fil-vettura ta' Marion Aquilina.

Illi mill-provi migbura l-Qorti m'ghandha l-ebda dubbju li kienu l-imputati li kkawzaw il-hsarat li gew riskontrati f'din il-vettura; dan m'hux biss minhabba dak li qalu il-bicca l-kbira tax-xhieda tal-prosekuzzjoni imma anke tenut kont tal-fatt li mal-genb tal-vettura kien hemm ticpis ta' demm li gie konfermat li huwa ta' l-imputat Nicholas Farrugia.

Illi dwar il-kwantum tad-danni u liema mis-sub paragrafi ta'l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9 japplika ghall-imputazzjoni in ezami ghandu jigi rilevat li mill-istima ta'l-espert[1] nominat f'l-atti ta' l-inkjesta jidher li l-hsara kienet tammonta ghal sitt mija u hamsin Euro (€650). In atti pero hemm stima ohra ta' elf disa' mija sebgha u tlettin Euro u erbgha centezmi (€1,937.04); din l-istima giet konfermata minn rapprezentant ta' Michael Debono Ltd. Jidher li l-imputati accettaw din l-istima ghaliex huma hallsu s-somma ta' elfejn Euro biex jaghmlu tajjeb ghad-danni sofferti min Aquilina. Tenut kont ta' dan u tenut kont li l-vettura in ezami hija ta' tip Toyota li l-agenti taghhom huma Michael Debono Ltd u tenut kont ukoll li din l-istima tinkludi l-ispiza reali ghax-xiri tal-parts rikjesti, il-Qorti sejra taccetta hi ukoll din l-istima bhala dik li tindika l-ammont ta' hsara ikkawzata.

Illi din l-ewwel imputazzjoni ghalhekk qed tirrizulta kif dedotta.

Ikkunisdrat

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni z-zewg imputati qed jigu addebietati bir-reat ravvizat f'l-artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghalhekk huma qed jigu akkuzati li b'l-imgieba taghhom ikkawzaw fil-persuni

[1] Joseph Zammit relazzjoni a fol 281.

imsemmija f'din it-tielet imputazzjoni biza li ser tintuza vjolenza kontra taghhom.

Illi huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza li biex jissussisti r-reat in ezami huwa mehtied li jigi pruvat 'l hekk imsejjah *course of conduct*.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appell Kriminali[2] ntqal hekk dwar ir-reat kontemplat f'l-artikolu 251B:

> *Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza t-test Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fissubartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:*
>
> *"How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be*

---

[2] Ref Il-Pulizija vs Raymond Parnis deciza 24 ta' April 2009.

> *regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*
>
> *Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant. Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1).*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami huwa car li t-tielet imputazzjoni ma tistax tirrizulta. Fit-termini tac-citazzjoni l-fatti li fuqhom huma imsejjsa l-imputazzjonijiet kollha sehhew nhar "*is-26 ta' Mejju 2014 fis-siegha ta' wara nofs in-nhar u l-hinijit ta' qabel*". Mill-provi jirrizulta li ghalkemm kien hemm l-ewwel parti ta'l-incident meta tkissret il-karozza ta' Marion Aquilina u t-tieni parti ta'l-incident meta kien hemm l-kollutazzjoni bejn Frans Farrugia u l-imputati, fil-verita da kien incident wiehed u ghalhekk ma jistax jinghad li kien hemm *course of conduct* u lanqas jista' jinghad li c-cirkostanzi ta'l-incident jaqghu taht definizzzjoni tar-reat in ezami.

Ikkunsidrat

Illi peremezz tal-hames imputazzjoni z-zewg imputati qed jigu addebietati bir-reat ravvizat f'l-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 u cioe ksur tal-bon ordni u paci pubblika.

Illi m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li f'dan l-incident, provokat mill-imputati, mhux biss kien hemm hafna storbju u ghajjat imma anke inhalaq allarm. Konsegwentment din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi permezz ta'l-ghaxar imputazzjoni l-imputat Nicholas Farrugia qed jigi akkuzat b'attentat ta' ferita gravi fuq il-persuna ta' Frans Farrugia liema attentat sar b'arma jew strument li jaqta jew iniggez.

Illi minkejja l-kunflitt fl-verzjoni mghotija mix-xhieda tal-prosekuzzjoni minn-naha u l-verzjoni ta'l-imputat Nicholas Farrugia min-naha l-ohra[3] il-Qorti hija sodisfatta li tista tistrieh fuq il-verzjoni tax-xhieda tal-prosekuzzjoni dwar kif sehh it-tieni stadju ta' l-incident u cioe x'wassal ghall-kollutazzjoni bejn l-imputati u Frans Farrugia u kif din il-kollutazzjoni zvolgiet.

Illi fil-fehma tal-Qorti m'hemmx dubbju li kien l-imputat Nicholas Farrugia, flimkien ma'l-imputat l-iehor Steven Farrugia, li, wara li harget Fiona Gerada tghajjat minhabba l-hsara li kienu ghamlu fil-vettura ta' ohtha Marion Aquilina, tela' jigri 'l fuq biex jaggrediha u spicca jiggieled ma' Frans Farrugia. Ix-xhieda okkulari ghal din il-fazi ta'l-incident kollha stqarrew li Nicholas Farrugia kellu mus f'idejh; Nicholas Farugia jichad li l-mus kien f'idejh imma jallega li kien f'idejn Frans Farrugia. Il-mus in kwistjoni gie elevat mill-pulizija u gie esebiet in atti. Fuq dan il-mus ma kienx hemm tracci ta' demm (la fuq il-manku u lanqas max-xafra) pero mis-swabs li ttiehdu mill-mus harge profil tad-DNA.[4] Dan il-profil kien wiehed mhallat, ta' zewg persuni; wiehed minnhom kien Nicholas Azzopardi[5].

Illi fil-kollutazzjoni li nqalet Frans Farrugia soffra girehi ta' natura hafifa: abrazzjonijiet f'daru, sidhru u rasu kif ukoll dbengiela fuq rasu. Frans Farrugia jallega li Nicholas Farrugia tah id-daqqiet f'daru u sidhru meta kellu l-mus f'idejh. A bazi ta' din l-allegazzjoni l-prosekuzzjoni qed tghid li l-imputat Nicholas Farrugia prova jikkawza offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Frans Farrugia.

Illi skond il-gurisprudenza biex jissusti r-reat ta'l-offiza volontarja, hi mehtiega l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. Huwa ben stabbilit li

[3] Il-Qorti tirrileva li ai fini ta' l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' Nicholas Farrugia tista tiehu in konsiderazzjoni bhala prova dak li qal hu u ghandha tiskarta dak li qal l-imputat l-iehor Steven Farrugia ghaliex dak li jghid koakkuzat la jista jingieb favur u lanqas kontra l-koakkuzat l-iehor.
[4] Ref l-ewwel rapport ta'l-espert nominat Dr Marisa Cassar Dok MC1 afol 277 et seq.
[5] Ref it-tieni rapport ta' Dr Marisa Cassar Dok MC2 a fol 441 et seq.

*Jekk l-intenzjoni ta'l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu*.[6]

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiza volontarja huwa l-intenzjoni generika li tigi kawzata hsara, ghal xi zmien kien hemm dibattitu dwar jekk hux koncepibbli t-tentattiv ta' offiza fuq il-persuna. Fi kliem il-Professur Mamo:

*The principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible*[7].

Illi pero l-Professur Mamo jkompli hekk:

*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo*[8].

Illi referenza ghal dan id-diskordju taghmilha ukoll l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza Repubblika vs Domenic Briffa[9]:

*Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:*

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico*

---

[6] Ref Pulizija vs Emanuel Zammit Appell Kriminali deciz 30.03.1998.
[7] Ref Notes on Criminal Law Vol II pagna 226.
[8] Ref op cit pagna 227.
[9] Deciza fis-16.10.2003.

*un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

*Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima,* ***purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz[10]****. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni*

[10] Sottolinear ta' din il-Qorti.

*specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl- ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit- tieni lok.*

Illi stabbiliti dawn il-principji dak li jrid jigi stabbbilit fil-kaz in ezami huwa jekk meta Nicholas Farrugia kien qed jagredixxi lil Frans Farrugia, kellux l-intenzjoni specifika li jikkawzalu offiza ta' natura gravi.

Illi kif diga ntqal hemm prova li juru li Nicholas Farrugia kellu mus f'idejh fil-mument tal-kollutazzjoni pero l-Qorti ghandha dubbju dwar jekk kienx il-mus, jew ahjar ix-xafra tal-mus, li kkawzat dawn il-griehi. Frans Farrugia jghid li Nicholas Farrugia tah daqqiet bil-mus, pero l-griehi li gew riskontrati fuqu kienu abrazzjonijiet (abrasions) u mhux stab wounds jew incised wounds. Aktar minn hekk jirrizulta li fuq il-mus ma nstabux tracci ta' demm, fatt li johloq dubbju dwar jekk l-abrazjonijiet li soffra Frans Farrugia gew ikkawzati bil-mus.

Illi tenut kont ta' dan u tenut kont ta' dak li jghallmu d-dottrina u l-gurisprudenza fuq kwotati, l-Qorti hija tal-fehma li ma giex ppruvat 'l hemm minn kull dubbju dettat mir-raguni li Nicholas Farrugia kellu l-intenzjoni specifika li jikkawza offizi ta' natura gravi fuq Frans Farrugia, ghaliex kieku verament kienet tezisti din l-intenzjoni zgur li kien juza l-mus biex iwegga' lil Frans, fatt li pero ma jirrizultax fil-grad rikjest mill-Ligi.

Illi ghalhekk l-imputat ma jistax jinstab hati ta'l-imputazzjoni issa in ezami.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-hdax il-imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-reat prospettat f'l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif diga ntqal fil-motivazzjoni dwar l-ghaxar imputazzjoni l-Qorti hija konvinta li l-imputat Nichoilas Farrugia kellu mus f'idejh meta tela' jigri ghal fuq Fiona Gerada. Jirrizulta ukoll li huwa ma kellux licenzja biex izomm dan il-mus jew kwalunkwe strument iehor.

Illi ghalhekk l-immputazzjoni issa in ezami tirrizulta sodisfacjentement pruvata.

Ikkunsidrat

Illi permezz tat-tmien imputazzjoni z-zewg imputati qed jigu addebieti bir-reat ravvizat f'l-artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Maltra.

Illi mill-provi jirrizulta li fit-30 ta' Awissu 2011 z-zewg imputati kienu inghataw helsien mill-arrest f'proceduri ohra li kien hemm pendenti kontra taghhom. Wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqhom kienet li ma jikkommettux reati ohra ta' natura volontarja fil-perjodu ta' helsien mill-arrest. La darba l-imputati qed jinstabu hatja ta' reati kif fuq indikat, tirrizulta t-tmien imputazzjoni.

Illi ghal kull buon fini l-Qorti tirrileva li dik li fic-citazzjoni hija ndikata bhala d-disgha imputazzjoni fil-verita hija talba ghar-revoka tal-helsien mill-arrest u ghall-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija, f'kaz ta' sejbien ta' htija fit-rigward tat-tmien imputazzjoni. Il-Qorti ser tiidisponi minn din it-talba fil-kunsiderazzjonijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi permezz tas-seba'imputazzjoni l-imputat Steven Farrugia qed jigi addebietat bir-recidiva ai termini ta'l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.[11]

Illi in sostenn ta' dan l-addebietu gew prezentati zewg sentenzi[12]: permezz ta' dik datata 22 ta' Novembru 2010 Farrugia gie ikkundannat tlettax il-xahar prigunerija sospiezi ghal sentejn u permezz ta' dik datata 22 ta' Marzu 2011 gie ikundannat tmintax il-xahar prigunerija sospiezi ghal sentejn ukoll. Ai termini ta' l-artokolu 28(5A) tal-Kapitolu 9 *il-piena mogħtija f'sentenza sospiża meta dik is-sentenza ma tkunx daħlet fis-seħħ għandha, għall-finijiet tal-artikolu 50, titqies li tkun ġiet skontata mal-iskadenza tal-perjodu operattiv.* Konsegwentement la darba l-perjodu operativ tas-sentenzi imsemmija skada fit-22 ta' Novembru 2012 f'l-ewwel kaz u fit-22 ta' Marzu 2013 fit-tieni kaz, u la darba ir-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat

[11] Ghal kull buon fini ghandu jigi rilevat li fic-citazzjoni din l-imputazzjoni ngiebet fil-konfront taz-zewg imputati, pero fin-nota ghar-rinviju ghal gudizzjju ta'l-Avukat Generali l-artikoli relevanti gew kwotati biss fil-konfront ta'l-imputat Steven Farrugia; ghalhekk il-Qorti ser tiehu din l-imputazzjoni in konsiderazzjoni biss fil-konfront ta' Steven Farrugia.

[12] Ref Dok EM1 u Dok EM2 a fol 411 u 414 rispettivament.

sehhew fis-26 ta' Mejju 2014 u ghalhekk fil-perjodu ta' hames snin imsemmija f'l-artikolu 50 l-imputat Steven Farrugia ghandu jitqies bhala recidiv.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni: in-natura tar-reati li taghhom qed jinstabu hajai l-imputati; il-fedina penali ta' kull wiehed minnhom (ta' Nicholas Farrugia hija netta, fil-waqt li ta' Steven Farrugia turi diversi kundanni ghal reati varji); il-fatt li fil-mori tal-proceduri ghamlu tajjeb ghal hsara ikkawzata; kif ukoll il-fatt li l-parte civile kollha jidher li m'ghadx ghandhom interess f'dawn il-proceduri u rrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali.

Illi b'referenza ghall-ewwel imputazzjoni, cioe dik bazata fuq l-artikolu 325 tal-Kapitolu 9, u b'referenza ghat-tmien imputazzjoni, cioe dik bazata fuq l-artikolu 579 tal-Kapitolu 9, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni dak li kienu jipprovdu dawn id-dispozizzjonijiet fil-gurnata li sehhew il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri. B'referenza partikolari ghall-artikolu 579, id-decizjoni dwar il-konfiska tad-depozitu u l-garanzija kienet rimessa fid-diskrezzjoni tal-Qorti fil-perjodu. In vista tar-reati li taghhom qed jinstabu hatja l-imputati u ta' x'wassal ghall-incident in ezami l-Qorti hija tal-fehma li ghandha tuza d-diskrezzjoni taghha u ma tordnax il-konfiska tad-depozitu u tal-garanzija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

**Fil-konfront ta' l-imputat Nicholas Farrugia**, fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, tar-raba imputazzjoni, tas-sitt imputazzjoni u tat-tnax imputazzjoni, u fil-waqt li ma ssibux hati ta't-tielet imputazzjoni u ta'l-ghaxar imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 325(1)(a), 338(dd) u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati ta'l-ewwel imputazzjoni, tal-hames imputazzjoni, tat-tmien imputazzjoni u tal-hdax il-imputazzjoni u fir-rigward tal-hdax il-imputazzjoni tikkundannah multa ta' €116.47 u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tordna l-konfiska tal-mus esebiet u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 57 ta'l-istess Kapitolu 480 tiskwalifika lill-imputat minn kull licenzja taht l-imsemmi Kapitolu 480 ghal perjodu ta' hames snin. U fir-rigward ta'l-imputazzjonijiet l-ohra tikkundannah erbatax il-xahar

prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin. Il-qorti qed tichad it-talba tal-prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest mghoti fis-27 ta' Awissu 2014 u ghall-konfiska tad-depozitu u l-garanzija personali ordnati b'l-istess imsemmi degriet.

**Fil-konfront ta'l-imputat Steven Farrugia**, fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, tar-raba imputazzjoni, u tas-sitt imputazzjoni, u fil-waqt li ma ssibux hati ta't-tielet imputazzjoni u tilliberah minnha, wara li rat l-artikoli 49, 50, 325(1)(a), 338(dd) u 579(2)(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha mihjuba kontra tieghu u tikkundannah erbatax il-xahar prigunerija. Il-qorti qed tichad it-talba tal-prosekuzzjoni ghar-revoka tal-helsien mill-arrest mghoti fis-27 ta' Awissu 2014 u ghall-konfiska tad-depozitu u l-garanzija personali ordnati b'l-istess imsemmi degriet.

Inoltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **kull wiehed mill-imputati** qed jigi ikkundannat ihallas lir-Registartur ta' din il-Qorti s-somma ta' elf mija sitta u ghoxrin Euro u tlett centezmi (€1,126.03) rapprezentanti spejjez rinkorsi mal-hatra ta' esperti.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**